**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

L-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA:
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**31.1 Talba;**

31.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**31.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

31.2.1 Is-Sur Carmel Farrugia kien skużat peress li l-Kunsill irċieva l-ittra t'apoloġija. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**31.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

31.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 30 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

31.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

31.3.3 Is-Sur Horace Micallef wieġeb li fis-sezzjoni 30.10.35 hu kien staqsa jekk il-bins f'dan il-*bring-in site* humiex se jkunu kbar jew żgħar. Rigward l-ilmenti hu talab li billi bħalissa mhux niltaqgħu fiżikament, l-ilmenti jintbagħtu permezz ta' email qabel il-laqgħa.

31.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

31.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi informa li hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Horace Micallef u mas-Segretarju Eżekuttiv laqgħu l-istedina tal-Parroċċa u attendew għall-Pontifikal ta' Jum il-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' li sar fl-20 ta' Ġunju 2021. Wara l-Pontifikal sar it-tqassim ta' 26 ikla lil anzjani li jgħixu waħedhom mill-istess tlett persuni.



NG S. Borg

31.4.2 Is-Sindku qal li attenda għal *working lunch* flimkien mas-Sindki l-oħra Għawdxin u l-President tar-Reġjun Għawdex mal-President ta' Malta l-E.T. Dott. George Vella. Din saret fil-Hotel Kempinski, San Lawrenz.

31.4.3 Is-Sindku informa li hemm bżonn jinqatgħu l-qasab u l-pjanti ta' Żejt ir-Rieġnu mill-Wied tax-Xlendi fejn kien sar it-tindif u r-rijabilitazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri.

31.4.4 Is-Sindku Saviour Borg informa lil dawk preżenti li kif kien miftiehem fil-laqgħa mal-President tar-Reġjun Għawdex, il-Kunsill bagħat l-*invoices* tal-ġabra tal-borża riċiklabbli u dik tal-ħġieġ tax-xhur bejn Jannar u Ġunju 2021 biex jitħallsu mir-Reġjun Għawdex.

31.4.5 Is-Sindku informa li għandu talba biex fil-ġimgħa ta' Jum il-Fontana ta' din is-sena issir wirja tal-għasafar minn għaqda tat-trobbija tal-għasafar f'Għawdex. Dan dejjem kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19. Kien hemm qbil.

31.4.6 Is-Sindku ppropona biex bħal ta' kull sena l-Kunsill Lokali joffri ġabra *extra* tal-borża s-sewda fil-ġurnata tas-Sibt matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru. Il-membri qablu li dan is-servizz għandu jerġa' jingħata ukoll din is-sena.

31.4.7 Is-Sindku Saviour Borg ippropona biex issir bandla minflok iż-żurżieqa li hemm bħalissa fil-*playingfield*. Iż-żurżieqa li hemm għandha bżonn il-manutenzjoni. Din ilha hemm 30 sena mill-ftuħ tal-*playingfield* li kienet saret f'Ġunju 1991 mill-Ministru għal Għawdex is-Sur Anton Tabone. L-apparat tal-logħob li ġie nstallat dan l-aħħar fih tlett tipi ta' żrieżaq. B'hekk bl-installazzjoni ta' bandla il-*playingfield* ikun aktar komplut. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

## 31.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-Proġett ta' tisbieħ bil-porfido

31.5.1 Is-Sindku qal li għadda xahar ieħor u x-xogħol għadu wieqaf. Kif kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill bagħat ittra bl-Avukat lill-kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din l-ittra intbagħtet kemm reġistrata u kemm normali. Sa dakinhar l-ittra reġistrata kienet għadha ma' ngabritx mill-istess kuntrattur bir-raġuni tal-MaltaPost tkun *addressee could not be reached*. Is-Sindku informa li



NG. S Borg

l-Kunsill kien kiteb lil Kappillan biex jiġbed l-attenzjoni lil Ministeru għal Għawdex biex isir ix-xogħol tal-*culvert* u bdil tas-servizz tad-drenaġġ u l-*main* ta' l-ilma li talbet il-Parroċċa lil Ministeru għal Għawdex, għar-raġuni li l-Kunsill ma' jistax ikompli x-xogħlijiet qabel jitwettaq dan ix-xogħol speċjalment fil-parti li taqa' taħt il-Kunsill. Xi sagħtejn wara li ntbgħatet din l-email, kemm il-kuntrattur kif ukoll il-Perit tal-kuntrattur ġew fuq il-post. Lis-Segretarju Eżekuttiv infurmawh li kienu se jkomplu bix-xogħol l-Erbgħa 9, jew l-Ħamis 10 ta' Ġunju 2021. Is-Sindku fakkar il-kuntratt ta' dawn ix-xogħlijiet ġie ffirmat eżatt sena ilu u l-garanzija bankarja tiskadi fl-14 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku ppropona li l-pass li jmiss skond il-parir tal-Avukat ikun li tintbagħat l-ittra uffiċċjali bil-Marixxal tal-Qorti. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintbagħat din l-ittra bil-Marixxal, għalhekk għandu jiġi nfurmat b'dan l-Avukat Dr Chris Said biex isir dan.

**31.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni u żgumbrar tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja)**

31.6.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li rigward id-devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, il-Kunsill għadu kemm ikkonferma l-minuti tal-laqgħa li għaddiet. Hekk il-Kunsill issa jista' jibgħat l-ittra bil-minuti u l-mozzjoni li kienet ġiet approvata fil-laqgħa tat-30 ta' Marzu 2021 u għal darb'oħra konfermata unanimament mill-membri tal-Kunsill fil-laqgħa ta' Mejju lill-uffiċċjal tal-Awtorita' tal-Artijiet, is-Sur Martin Bajada. Is-Sindku informa li t-talba għad-devoluzzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali m'għadhiex valida minħabba l-fatt li s-Sa. Josianne Cassar mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali infurmatna li ħarġet verżjoni ġdida ta' l-applikazzjoni u nbidlu xi proċeduri u għalhekk il-Kunsill ġie mitlub jimla din l-applikazzjoni l-ġdida biex il-proċess ikun jista' jgħaġġel aktar. (Ċirkulari SPI.APP.6.2021 - Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjetà Pubblika (Devoluzzjoni)). Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għandu kollox lest barra proċess dettaljat ta' implementazzjoni tal-proġett mingħand il-Perit Gordon Vella u *financial feasibility study* fuq tlett snin mingħand l-Accountant Daniel Galea. Minkejja id-diversi emails li ntbagħtu u telefonati li saru, sa issa għadhom ma' bagħtu xejn. Is-Sur Horace Micallef staqsa għal-liema raġuni l-Kunsill għandu jerġa japplika, la darba diġa applika. Is-Sindku wieġeb li dik kienet id-direzzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kemm lilu kif ukoll lis-Segretarju



NG S.Bo

Eżekuttiv. Is-Sindku talab biex il-Kunsill ikompli jinsisti mal-Perit u l-Accountant ħalli l-Kunsill ikun jista' japplika mill-aktar fis possibli.

## 31.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn u l-offerta tat-tarmac f'parti minn Triq il-Għajn

31.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li kif kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti, rigward l-offerta tat-tarmac f'parti minn Triq il-Għajn, minħabba l-fatt li Gatt Tarmac ma' ġeddidx il-garanzija bankarja, il-Kunsill talab il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll ra x'jgħidu l-kundizzjonijiet tal-offerta. Id-Dipartiment tal-Kuntratti ta l-parir li minħabba l-fatt li għadda ż-żmien il-Kunsill għandu jibgħat bil-miktub lil kuntrattur jekk hux f'posizzjoni li jagħmel ix-xogħlijiet bir-rati li ssottometta mat-tender. Jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, allura il-kuntrattur irid jagħmel *performance guarantee.* Min-naħħa l-oħra, skond artiklu 61 tal-*General Conditions* tal-offerta, hemm miktub li l-*Contracting Authority* tista' tittermina l-kuntratt jekk *the Contractor fails to submit any bank guarantee as requested by this contract.* Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jibgħat bil-miktub dwar l-offerta lill-kuntrattur Gatt Tarmac, u l-Kunsill jieħu deċiżjoni. Is-Sindku qal li rigward l-offerta għax-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ, il-kuntrattur *Little Rock Quarry Limited* sa llum il-ġurnata għadu ma ppreżentax il-*programme of works* minkejja li ntalab kemm il-darba mis-Segretarju Eżekuttiv. Skond parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ġaladarba l-kuntrattur ma ssottomettiex id-dokumenti meħtieġa, il-kuntratt jista' jiġi kkanċellat u tinħareġ sejħa għall-offerta mill-ġdid. Ser terġa' tintbagħat email biex tfakkru f'dan.

## 31.8 Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill

31.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri. Ġiet diskussa r-risposta li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 31.9 Ir-Rapport finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar – Marzu 2021



N.G. S.Ba

31.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ir-rapport se jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss peress li l-Accountant tal-Kunsill ma' laħaqx lesta dan ir-rapport.

**31.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

31.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret laqgħa bejnu u s-Sindku ma' uffiċċjali tal-ERA rigward il-korrispondenza li bagħat il-Kunsill rigward il-*bring-in sites* fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku qal li l-ERA bagħqet tinsisti li l-lokalita' tal-Fontana jkollha *bring-in site* wieħed biex tkun konformi mal-liġi minħabba l-*legal notice* li ħarġet. Dawn ser jerġgħu jintroduċuhom għar-raġuni li ikun hemm aktar spejjeż għas-separazzjoni kif meta l-iskart jintefa' ġol-borza tar-riċiklaġġ u nqass ħmieġ fil-materjal mitfugħ. Minn ġol *bring-in site* l-materjal jibqa' aħjar u jkun ġa separat. Minn din il-laqgħa ħareġ is-suġġeriment li dan il-*bring-in site* jista' jsir fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa qam ukoll il-punt rigward il-ġabra riċiklabbli ta' kull nhar ta' Tlieta u dik tal-ħġieġ ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar fejn dawn l-uffiċjali qalu li l-kumpanija *GreenPak* skond id-dokumenti tagħhom hija obbligata bil-liġi li tiġbru. Dan mhux isir peress li l-Kunsill qed ikollhu l-ġabra ta' nhar ta' Tlieta u tal-ħġieġ kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Is-Sur Horace Micallef staqsa kemm se jkunu kbar il-*bins*. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li se jibgħat lil-ERA biex il-Kunsill jingħata din l-informazzjoni.

31.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li rigward it-talba li għamel il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex residenti li jgħixu ġewwa *Fontanella Gardens* joħorġu l-iskart tagħhom f'tarf it-triq, hu iċċekja l-kuntratt u fil-kuntratt hemm miktub ċar li hu obligat li jidħol jiġbor l-iskart minn din iż-żona għalhekk ġie nfurmat b'dan. Bi żvista din il-korrispondenza, s-Segretarju Eżekuttiv nesa jsemmiha fil-laqgħa li għaddiet.

31.10.3 Korrispondenza mingħand il-*Planning Authority* rigward *Summer Break Time – No demolition and excavation works within tourism designated areas*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.4 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Attard mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria bis-suġġett Għeluq ta' *main roads* fir-Rabat nhar ta' Sibt rigward permess li ħareġ il-Kunsill Lokali tal-Fontana biex tingħalaq



N.C. SB

parti minn Triq il-Għajn is-Sibt. Hi qalet li l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria għandu *policy* li ilha fis-seħħ mill-2008, li toroq prinċipali, arterjali jew distributorji u toroq fiċ-ċentru tar-Rabat, ma' jingħalqux is-Sibt. Hi qalet li l-Kunsill ma' jistax jaċċetta li din il-*policy* ma' tiġix imħarsa minn kull entita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ħareġ dan il-permess ta' xogħol wara li rċieva n-*no objection* ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li hu flimkien mal-kunsilliera ma' kienux infurmati bil-ħruġ ta' dan il-permess mill-Kunsill tal-Fontana. Hu qal li meta kienu qed isiru xi xogħlijiet tal-bini mill-ġdid ta' Triq ir-Repubblika li dam aktar minn sena kif ukoll dan l-aħħar ta' Triq l-Imgħallem li dam għaddej diversi xhur bil-konsegwenza li f'dan iż-żminijiet żdied ħafna it-traffiku fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili, il-Kunsill tal-Fontana qatt ma qal xejn lill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Hu qal li meta l-Kunsill Lokali tar-Rabat jagħlaq xi triq għat-traffiku u li taffettwa lil-lokalita' tal-Fontana, lil Kunsill ma' jinfurmawhx. Is-Sur Horace Micallef qal li jekk il-Kunsill Lokali tar-Rabat għandhom xi proċedura, il-Kunsill Lokali tal-Fontana m'għandux x'jaqsam ma' din il-proċedura u Alla ħares li għal kull permess il-Kunsill irid javża kunsilli oħrajn. Hu qal li ħafna mill-ħaddiema* ~~li jaħdmu fost il-ġimgħa, ċertu xogħol bilfors ikun irid isir fil-ġurnata tas-Sibt~~. Is-Sindku qal li importanti li l-Kunsill jimxi skond ir-regolamenti.

31.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Ħadd, 6 ta' Ġunju 2021 fi Triq ta' Mulejja ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill kien hemm il-*mobile unit* ta' l-iskema *Water be the change* fejn ir-residenti kellhom isarrfu l-vowchers li rċivew f'aċċessorji li jiffrankaw l-ilma.

31.10.6 Ċirkulari AKL 2021/047 – Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu bagħat lil AKL fejn staqsa jekk tistax issir bye-law waħda għall-kunsilli lokali kollha.

31.10.7 Ċirkulari AKL 2021/045 – *Communication with people with special needs – Mentor Aid Session 09/06/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva stedina għas-serata *Fons Aquae* li saret it-Tnejn 7 ta' Ġunju fit-8.00pm. Is-Sur Horace Micallef qal li hu attenda ~~għal xi ħin~~ għal din is-serata.

31.10.9 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Diacono bis-suġġett Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' uffiċċjal tal-Komunita' *Steward* għat-

trattament xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.10 Korrispondenza mingħand il-Kap. Kan Simon M. Cachia bi tweġiba għall-email li bagħat il-Kunsill biex jiġbed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex biex isir ix-xogħol ta' *culvert* u bdil tas-servizz tad-drenaġġ u l-main tal-ilma ħdejn il-Knisja. Dan għar-raġuni li l-Kunsill ma' jistax ikompli x-xogħlijiet qabel jitwettaq dan ix-xogħol. Il-Kappillan Kan. Simon M. Cachia qal li l-aħħar li kien f'kuntatt mal-Ministeru għal Għawdex dwar il-parti ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali li hi proprjeta' tal-Knisja, qaluli li ser jieħdu ħsieb huma. Dan jgħodd ukoll rigward diskussjonijiet mal-Kurja. Għalhekk il-*go ahead* ma' tiddependix minnhu direttament jew mill-Parroċċa. Hu qal li min-naħħa tiegħu ser jipprova jikkuntattja l-Ministeru biex issir pressjoni ħalli anki min-naħħa tagħhom ix-xogħol jimxi. Fil-Kunsill ġie ċċarat il-punt li l-Kunsill talab biex jitwettaq ix-xogħol f'dik il-parti li taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill fejn kien ta l-kunsens tiegħu biex isir dan ix-xogħol.

31.10.11 Korrispondenza mill-*Planning Authority* rigward Applikazzjonijiet Nru PA/07798/20 u RG/02067/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.12 Korrispondenza mingħand il-*Malta Beekeepers Association* bis-suġġett Memorandum ta' Ftehim dwar il-Ħaxix Selvaġġ. Il-Kunsilli firmatarji qed jintrabtu li ma' jneħħux il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju ta' kull sena għax iservu bħala sors ta' nectara u pollen għal ħafna dakkara, fosthom in-naħla tal-għasel. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jiffirma dan il-ftehim minkejja li ftit għandu toroq rurali. Kien hemm qbil.

31.10.13 Ċirkulari AKL 2021/048 Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.14 Korrispondenza mingħand is-Sinjura J. Cassar bis-suġġett Ċirkulari Nru SPI.APP.62021 – Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni) Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ġie mitlub jerġa' japplika bil-verżjoni tal-applikazzjoni l-ġdida.

31.10.15 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Formosa fejn kien talab lil Kunsill biex kaxxa li tissuplixxi d-dawl fi Triq John Gaspard Le Marchant titneħħa minn mal-faċċata tad-dar tiegħu. Wara korrispondenza



N.C. S.Bo

mill-Kunsill fejn infurmah li l-Kunsill kien qabel li l-kaxxa jew tibqa' fejn hi jew issir ma' arblu fuq il-bankina fl-istess post, l-istess persuna wieġeb biex il-kaxxa tibqa' imwaħħla fejn hi.

31.10.16 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: URBACT City Festival – Take a closer look at the programme.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.17 Ċirkulari AKL 2021/043 – *Webinar – Innovative Localities: A place to bring ideas to life 16/06/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.18 Ċirkulari AKL 2021/049 – *Active Ageing Application forms – UPDATED.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.19 Ċirkulari AKL 2021/050 – *Equality Toolbox Creating safe(r) spaces for LGBTQI+ people with a migrant background – IOM Belgium.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.20 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Mercieca mill-uffiċċju tal-Kultura Għawdex bis-suġġett Stedina lill-Kunsilli Lokali. Hu informa li d-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għandu l-ħsieb li jorganizza wirja viżiva *on the road* is-sena li ġejja (2022) permezz ta' *boards* informattivi f'xi spazju pubbliku prominenti li jkunu jinkludu ritratti *high resolution* b'tagħrif bil-Malti u bl-Ingliż dwar il-wirt tanġibbli u intanġibbli ta' kull belt u raħal f'Għawdex. Is-Sindku ppropona li fil-lokalita' tagħna jistgħu jsiru ħdejn l-Għajn il-Kbira fi Pjazza l-Għejjun u fuq iż-żuntier fil-parti tal-Kunsill.

31.10.21 Ċirkulari AKL 2021/051 – Permessi għall-armar ta' *big screens* jew għal xi attivita' oħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.22 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Pożizzjoni – *Summer Break Time – Gozo Tourist Area* fejn qed jingħad fejn korrispondenza mibgħuta mill-*Gozo Tourism Association* qed tipproponi li Għawdex kollu jkun Gozo *Tourist Area* u għalhekk ma' jsirx xogħol ta' skavar tul is-Sajf kollhu. Is-Sindku talab biex din il-korrispondenza tintbagħat lil-kunsilliera kollha għas-suġġerimenti tagħhom u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

31.10.23 Stedina mill-Kappillan Kan Simon M. Cachia għall-Pontifikal ta' Jum il-

Festa tal-20 ta' Ġunju 2021. Is-Sindku wieġeb li mill-Kunsill kien hemm preżenti hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv.

31.10.24 Ċirkulari AKL 2021/052 – *Webinar – Social Field: Youth and Criminality 30/06/2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.25 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex dwar l-iSkema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021. Is-Sindku qal biex din il-korrispondenza tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

31.10.26 Korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Applikazzjonijiet Nru RG/01813/20, PA/07232/20, PA/03434/21, PA/04198/21. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.27 Ċikulari AKL 2021/053 – *Together with refugees – share your messages for World Refugee Day – UNHCR Malta*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.28 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Flores mil-LESA rigward l-iskema Proġetti fil-Komunita' fejn informa li l-Kunsill ma' kienx ma' dawk li ġew magħżula din is-sena. Hu informa li iktar tard din is-sena se tkun qed toħroġ it-tieni sejħa. Is-Sindku qal li l-LESA għandha tlett miljun ewro għal tlett snin, miljun għal kull sena. Il-Kunsill daħħal żewġ applikazzjonijiet, waħda ta' parti mill-ispejjeż ta' l-apparat tal-logħob u l-bdil tat-tapiti fil-*playingfield*, u oħra tal-fanali ta' fuq iz-zuntier u l-Kunsill ma kkwalifikax. Is-Sindku qal li minn miljun ewro ma messna xejn għalhekk jkun aktar ġust li għamlu għad-disposizzjoni ammont ta' flus għal kull kunsill imbagħad sta għal dan il-kunsill partikolari jagħmilx użu minnhom jew le. Il-Kunsill Lokali tal-Fontana, meta kellu l-fondi disponibbli, nefaqhom kif ġara din is-sena meta bil-fondi tal-LESA ħallas parti minn *playhouse* biex tintuża fil-playingfield tal-lokalita'. Minn 19-il Kunsill li kkwalifikaw, kien hemm 18 ta' Partit politiku u wieħed ta' Partit politiku ieħor barra r-Reġjun Għawdex. Hu qal li mank ħaqq l-ispejjeż li ħareġ il-Kunsill biex seta' applika. Is-Sur Horace Micallef qal biex il-Kunsill jiċċekja l-kriterji sew. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lil LESA u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lir-Reġjun t'Għawdex dwar dan.

31.10.29 Ċirkulari AKL 2021/054 – Servizzi għall-Anzjani – *Psychotherapy*. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill jista' joffri s-sala. Hu qal li ħafna nies



N.C. S.Bo

fosthom l-anzjani bagħtew ħafna matul din il-pandemija, anke mentalment. Kien hemm qbil li tiġi offruta s-sala.

31.10.30 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – *Town Twinning / Network of Towns.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.31 Korrispondenza mingħand is-Sa. J. Frendo mill-NGO *Smiling with Jerome Foundation* bis-suġġett *Can you please help?* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.32 Ċirkulari AKL 2021/055 – *World Blood Donor Day 2021*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-AKL għamlet vidjo qasir bl-inizjattivi li ħadu l-Kunsill Lokali għal din il-ġurnata, u l-Kunsill Lokali tal-Fontana huwa wieħed minn dawn il-Kunsilli.

31.10.33 Ċirkulari AKL 2021/056 – *Allotment Gardening Proposal – Community Gardening.* Is-Sindku wieġeb li din hi inizjattiva tajjeb imma fil-lokalita' tagħna m'għandniex spazju biex isir dan.

31.10.34 Korrispondenza mill-AKL rigward il-*bye law* fuq il-Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet fejn fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill talab lil AKL jekk jistax id-Dipartiment għal Gvern Lokali jagħmel *bye-law* waħda għal kunsilli kollha. Ir-risposta tal-AKL tkun li għadha qed tistenna risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jikteb lir-Reġjun Għawdex biex f'isem il-Kunsill Għawdxin jagħmel din il-*bye-law* għal Kunsilli Għawdxin. Kien hemm qbil.

31.10.35 Ċirkulari AKL 2021/057 – *Temporary and reversible permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.36 Ċirkulari AKL 2021/058 Tnedija tal-Proġett sabiex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet 25.06.2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.37 Ċirkulari AKL 2021/059 Proċess għall-Devoluzzjoni mill-Kunsill Reġjonali/Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din il-korrispondenza ġa ġiet diskussa qabel. Il-Kunsill innota l-kontenut.



N.G. S.Bog

31.10.38 Korrispondenza mill-SEM (Servizzi Ewropej f'Malta) bis-suġġet *MECP Consultations – June 16, 2021.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi li huma *Malta's Low Carbon Development Strategy* u *Green Paper Towards Cleaner Vehicles on our Roads*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.39 Korrispondenza mis-Sa. C. Callus mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali bis-suġġett Dokument rikjest ma' propost ta' *Bye-Laws*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.40 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Tabone, Segretarju tal-Għaqda Għajn Tuta Kerċem fejn qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill għall-eventwalita' li tkun trid tingħalaq Triq ix-Xlendi nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021 fejn ser jingħata xi nar ta' l-ajru mill-għelieqi fiż-żona tas-Saqwi bejn id-9.30pm u l-9.45pm. Is-Sindku wieġeb li minkejja li s-sena li għaddiet l-Kunsill ġibed l-attenzjoni li dawn l-inħawi tas-Saqwi jinsabu fil-konfini tal-Fontana, xorta reġa' kiteb li dawn jinsabu fi-konfini tal-Munxar. Hu qal li huwa obbligu tal-Kunsill li jara li ma ssir l-ebda ħsara f'din iż-żona Natura 2000, fejn f'dawn l-inħawi hemm diversi siġar fosthom tal-ħarrub u diversi pjanti endemiċi kif ukoll biex jindirizza d-diversi ilmenti li kellu. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni li ma' jsir l-ebda ħruq ta' siġar billi jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, speċjalment f'dawn il-ġranet ta' sħana kbira, billi jekk ser ikun hemm ħruq ta' ħaxix dan isir b'mod kontrollat. Kien hemm qbil mill-membri.

31.10.41 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex rigward Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din tagħlaq fil-15 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku talab biex din il-korrispondenza tintbagħat lill-kunsilliera għas-suġġerimenti tagħhom.

31.10.42 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex rigward Skema Reġjonali – Ambjent 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din tagħlaq fil-15 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill japplika biex jinbidlu ż-żewġ fanali ta' fuq iz-zuntier. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

31.10.43 Korrispondenza mingħand Dr M. Saliba bis-suġġett Ktieb ġdid – Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex fi Żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri (1910-1921). Il-Kunsill innota l-kontenut.



N.G. S.B.

31.10.44 Korrispondenza mis-Sur R. Said minn Transport Malta fejn qed jinforma lil Kunsill li minn nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2021 permessi biex jingħalqu t-toroq jistgħu jingħataw mis-7.00am. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill permessi bħal dawn qed jingħataw mid-9.00am lura biex ikun laħaq għadda l-kuntrattur li jiġbor l-iskart.

31.10.45 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll l-ittra li l-Avukat tal-Kunsill bagħat lil kuntrattur *Little Rock Quarry Limited* rigward ix-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porfido f'parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq ta' Mulejja, iżda din bħalma ġie diskuss qabel f'din il-laqgħa.

31.10.46 Ċirkulari AKL 2021/060 – *European Mobility Week 2021 – Competitions*. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jerġa japplika għal *eco-friendly van* biex tkun tista' tintuża mill-anzjani u residenti oħra fil-lokalita'. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

31.10.47 Korrispondenza mingħand is-Sa. E Colacino mill-MECP-OPS bis-suġġett *Save the Date – Life EU Info Days 22 – 25 June 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.48 Korrispondenza mis-Sa. M. Mugliette minn *Malta Federation of Organisations Persons with Disability (MFOPD)* bis-suġġett *Access City Award 2022.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.49 Korrispondenza mis-Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) bis-suġġett *Malta Low Carbon Development Strategy – Online Consultation*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.50 Ċirkulari AKL 2021/061 – *Well being 360*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jibdew isiru sezzjonijiet informativi ta' *occupational therapy* minn professjonisti differenti li jitrattaw suġġetti varji. Il-Kunsill Lokali innota l-kontenut.

31.10.51 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Aquilina mill-ERA rigward *Invitation – Online Stakeholder information session on the BELLUS Call for Projects*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ERA ħarġet sejħa għall-proposti ta' proġetti ambjentali. Hu qal li l-applikazzjonijiet jiftħu fl-1 ta' Lulju u jagħlqu fit-30 ta' Settembru 2021. Is-Sindku wieġeb biex din l-iskema tiġi diskussa f'laqgħa oħra.



N.G. S.B.

31.10.52 Korrispondenza mingħand is-Sur Y. Magro mill-*Gozo Action Group Foundation* bis-suġġett Biedja Organika – Mario Joseph Salerno fejn qed jinforma li l-*Malta Organic Agriculture Movement (MOAM)* ippublikat ktieb bl-isem *Biedja Organika* miktub mis-Sur Mario Joseph Salerno. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Sur Salerno bagħat kopja lil kull kunsill Għawdxi. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jibgħat jirringrazzjah.

31.10.53 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sa. J. Curtis minn *Cast Out* biex ikunu jistgħu jaħslu l-fliexken tal-plastik f'waħda mill-għejjun tal-lokalita'. Dan minħabba proġett ta' skultura li ser isir bi fliexken tal-plastik ħdejn is-Santwarju Ta' Pinu ġewwa l-Għarb. Is-Sindku wieġeb li jaqbel ma' din l-inizjattiva bil-kundizzjoni li jintefhiex xi likwidi bħal żebgħa, żejt jew *detergents* u li ma' jħallux żibel warajhom. Hu fakkar li dawn huma skedati Grad 1 mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Kien hemm qbil.

31.10.54 Korrispondenza mingħand l-Enemalta rigward qtugħ ta' dawn fis-27 ta' Ġunju 2021 bejn is-2.00pm u s-6.00pm fi Triq tal-Għajn, Triq ix-Xlendi, Pjazza l-Għejjun, Sqaq ta' Kaputt u Trejqet ix-Xagħri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.55 Direttiva DLG 2/2021 – *Contracts (Community Works) Managers.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-iskrivan tal-Kunsill qed jagħmilha ta' *Contracts Manager* kif hemm stipulat fil-kuntratt tiegħu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

31.10.56 Korrispondenza mingħand l-Inġiner C. Camilleri mill-Water Services Corporation rigward ix-xogħlijiet ta' traqqiegħ bis-sement fi Trejqet Bieb il-Għajn. Hu informa lil Kunsill li nstab kuntrattur interessat u qed jistenna stima mingħandu.

31.10.57 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Fenech rigward aġġornament dwar l-aħħar talba ta' devoluzzjoni tal-bankini, il-belveder fi Triq Għajn Tuta u s-sit tar-Replika ta' l-Għajn tal-Loġoġ. Hi qalet li ser tipprova ittella' l-file quddiem id-*disposal committee* fis-7 ta' Lulju.

31.10.58 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Portelli bis-suġġett Konnessjonijiet tat-Teknoloġija mal-Malta Government Network (Magnet) – it-Tielet Fażi. Il-Kunsill innota l-kontenut.



N.G. [signature]

31.10.59 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Cassar bis-suġġett *Confirmation: Installation of charging pillars in your locality* fejn qed tinforma li l-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli formalment qed jinforma li ġew approvati Pjazza l-Għejjun u Triq tal-Għajn k/m Triq il-Qalb ta' Ġesu' bħala postijiet għaċ-*charging pillars.* Skond din il-korrispondenza dawn il-postijiet intgħażlu skond kriterji jekk hemmx elettriku u anki possibilita' ta' *charging points* fil-viċinanza. Huma qalu li taw ukoll importanza lejn in-numru ta' karozzi elettroniċi fil-lokalita'. Is-Sindku wieġeb li kien ikun aħjar jekk dawn iċ-*charging points,* wieħed minnhom kien ikun aktar fiċ-ċentru tal-lokalita' bħal fi Triq il-Għajn ħdejn il-Knisja, fi Triq ta' Mulejja ħdejn il-Kunsill jew fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili.

31.10.60 Korrispondenza mill-IMU tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett Konnessjonijiet tat-Teknoloġija mal-Malta Government Network (Magnet) – It-Tielet Fażi fejn qed jingħad li studenti mill-IMU se jkunu qed iżuru l-Kunsill bejn is-6 u t-13 ta' Lulju 2021 biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ fuq il-kompjuters u jinstallaw servizzi ġodda.

31.10.61 Ċirkulari AKL 2021/052 *Webinar – Social Field: Youth and Criminality 30/06/2021* fejn qed tgħid li minħabba ċirkostanzi li hinn mill-kontroll ta' l-istess AKL dan il-*webinar* kellhu jiġi pospost għal ġurnata oħra.

31.10.62 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Callus mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Ċirkolari 5 – Konsultazzjoni dwar Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 31.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

31.11.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri qalet li għandha talba mingħand resident li infurmaha li l-Ministeru għal Għawdex qallu biex jgħid lil Kunsill jagħmel talba għall-*culvert* fi Sqaq l-Andar għalhekk qed tressaq din it-talba f'ismu. Is-Sindku informa lil Kunsill li matul is-snin diġa ddiskuta din it-talba u ħa deċiżjoni fuqha. Huwa informa lil dawk preżenti li skond ir-Reġistru tal-Artijiet dak is-sqaq mhux tal-Gvern. Dan wieħed jista' jivverifika fl-uffiċċju tar-Reġistru tal-Artijiet f'Għawdex, għalhekk huwa privat. Is-Sur Horace Micallef qal li ma tistax tagħmel talba bħal din u ma' jkollokx id-dettalji kollha. Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri wieġbet li m'għandhiex aktar

dettalji.

### 31.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

31.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 24/2021 għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2021 u t-30 ta' Ġunju 2021 li tammonta għal €14,458.06 ġiet approvata u ffirmata.

### 31.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

31.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għal-Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2021 fit-3.00pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Aġent Segretarju Eżekuttiv